MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2010

Numru 1053/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**STEVE VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Steve Vassallo ta’ 28 sena bin Anthony u Marianna nee’ Vella mwieled Pieta’ fil-21 ta’ Marzu, 1975 u li joqghod ‘Junior Court’ Flat 1 Triq il-Qastan, M’Scala. Detentur tal-karta tal-Identita’ bin-numru 162975(m).

Billi gie akkuzat talli: Fil-5 ta’ Gunju, 2003 ghall-habta tal-3.45 ta’ filghodu flimkien ma’ persuna ohra kkommetta serq ta’ zewgt isnieter u muniti tad-deheb mill-fond bin-

numru 30 Misrah il-Knisja, Safi ghad-dannu ta’ Emanuel Zammit, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-lok u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-istess Emanuel Zammit, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli b’hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CM1 u nnutat li l-imputat Steve Vassallo m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Fl-ewwel lok il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-brani mid-deposizzjoni tax-xhud Emmanuel Zammit li fis-Seduta tat-28 ta’ Settembru, 2004, inter alia, qal:
“Nghid illi fil-5 ta’ Gunju tas-sena 2003 nghid ghal xi l-hamsa ta’ fil-ghodu jiena kif kont hiereg mid-dar tieghi sibt illi l-bieb ta’ barra tad-dar tieghi kien sgassat, imbaghad jiena ridt nara x’gara u tlajt fuq u sibt bieba sgassata fejn kien hemm is-snieter. Nghid hemmhekk jiena kont inzomm zewgt (2) isnieter u z-zewg snieter jiena dak il-hin sibthom neqsin. Dawn kienu *senter* ta’ b’hamsa, *Luigi Franchi* u *senter* iehor b’zewg kanen u dana kien ta’

manifattura Germaniza. Dawn bhala valur huma ta’ madwar erba’ mitt lira Maltin (Lm400) it-tnejn.

Nghid jiena ukoll kelli ghaxar (10) muniti tad-deheb. Nghid jiena kelli ukoll, sibt ukoll muniti tad-deheb neqsin u dana fl-ammont ta’ ghaxar (10) muniti tad-deheb. Dawna kont inzommhom f’bicca karta, jidhirli kienu qieghdin jew f’xi kexxun jew inkella fuq il-mejda, pero’ kienu fl-istess kamra fejn jiena kont inzomm is-snieter. Nghid jiena f’din il-kamra sibt hafna tqallib, kxaxen maqlubin. Jiena imbaghad mort f’kamra ohra. Nghid jiena fil-kamra l-ohra ukoll sibt hafna tqallib, sibt il-kxaxen miftuhin u mqallbin pero’ minn din il-kamra ma sibt xejn nieqes. Nghid dawn il-muniti tad-deheb li semmejt nghid dawn kienu antiki hafna u jqumu hafna li nikkalkula li jiswew taht l-elf lira (Lm1,000).” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa il-Qorti sejra ticcita bran mid-deposizzjoni tax-xhud Elsa Mallia li fis-Seduta tas-26 ta’ Jannar, 2005, inter alia, qalet: “Nghid illi fiz-zmien li spjegali l-Ispettur Carmelo Magri dwar meta sehh l-allegata serqa nghid dak il-perjodu l-imputat gieli raqad ghandi. Nghid illi jiena fil-gurnata li semmeili l-Ispettur Carmelo Magri dwar din is-serqa qed nigi mistoqsi jekk niftakarx jekk f’dik l-istess gurnata l-imputat kienx imbaghad raqad ghandi nghid illi ma niftakarx. Nghid illi fil-perjodu illi lili kien kellimni l-Ispettur Carmelo Magri nghid illi jiena dak kien perjodu fejn l-imputat fejn kien hemm bzonn talabni biex insellfu l-karozza, il-karozza sliftielu. Fil-fatt nghid illi meta l-pulizija imbaghad elevaw il-karozza il-karozza kienet qeghda f’idejn l-imputat ghax hu kien qighed iwassal lill-ommi l-bank.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud Brian Muscat fis-Seduta tas-26 ta’ Jannar, 2005, inter alia, qal: “Nghid illi jiena lill-imputat nafu. Nghid illi jiena kelli kas ta’ serq li issa gie deciz. Nghid illi lill-imputat sirt nafu ftit qabel ma jiena u l-imputat ghamilna r-reat li jiena issa l-kas tieghu dwaru gie deciz. Nghid li dwar dan ir-reat kien serq, nghid ahna, jiena u l-imputat konna sraqna zewgt isnieter. Jiena dwar l-oggetti li gew misruqa f’din l-okkazzjoni li qed insemmi nghid illi dawna kienu zewgt isnieter. Dawn is-snieter insterqu minn Hal Safi.

Nghid illi wara d-data li ghamilna din is-serqa ma nafx ezatt, kienu xi sena u nofs, sentejn ilu. Is-serqa saret minn gewwa dar. Din id-dar kienet sitwata vicin l-Ghassa ta’ Hal Safi. Fil-fatt din id-dar kienet tmiss ma l-Ghassa ta’ Hal Safi. Nghid li jiena u l-imputat konna flimkien meta ghamilna din is-serqa u li hemmhekk konna morna ghal din is-serqa b’karozza Polo ta’ kulur abjad. Nghid illi din il-karozza ma niftakarx in-numru ta’ registrazzjoni taghha li naf hija ta’ din it-tfajla li harget qabli mill-Awla issa qabel ma jiena dhalt fl-Awla. Nghid illi din it-tfajla li karozza hija taghha hija t-tfajla ta’ l-imputat u kien l-imputat li gie bil-karozza. Nghid illi jiena dak il-lejl tas-serqa jiena kont irqadt ghand l-imputat id-dar tieghu gewwa flat Wied il-Ghajn. Imbaghad tlaqna flimkien ghas-serqa u morna bil-karozza Polo. L-imputat saq il-karozza, imbaghad ghamilna s-serqa fid-dar li semmejt u wara morna lura d-dar ta’ l-imputat f’Wied il-Ghajn. Maghna kellna ghodod li hallejnihom warajna u li kienu anzi nghid li kienet ghodda wahda li kienet lieva u li hallejniha warjna.” “……………………….” “Nghid illi s-snieter kienu go karma tas-sodda kbira. Nghid illi s-snieter kienu mitluqin, wiehed kien impoggi ma hajt u l-iehor kien ma l-art. Jiena min-naha tieghi ma sraqtx muniti minn go din id-dar. Nghid illi l-imputat s-snieter imbaghad kien bieghhom hu mbaghad konna gbarna mitt lira. U dan hadna mitt lira bejn tnejn jigifieri hadna hamsin lira kull wiehed.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghal brani mid-deposizzjoni tal-Ispettur (illum Supretendent) Carmelo Magri li fis-Seduta tat-18 ta’ April, 2008, inter alia, qal: “Nghid illi fil-5 ta’ Gunju 2003 jien kont qieghed Duty Officer u gejt infurmat illi kienet saret serqa mill-fond numru 30, Misrah il-Knisja, Safi u nzid nghid illi minn din is-serqa kienu insterqu zewg snieter kif ukoll xi muniti tad-deheb. Jiena kont ircevejt informazzjoni kunfidenzjali illi l-malviventi li kienu wettqu din is-serqa kienu ghamlu uzu minn vettura bir-registrazzjoni numru GAM 385 ta’ l-ghamla Polo bajda. Jiena ghamilt ir-ricerki tieghi u din il-vettura sibt li kienet tghajjat lil certu Joseph Ellul li kellu ID Card 592477M u li din il-persuna kienet mejta. Minn informazzjoni ohra kunfidenzjali sirt naf li din il-vettura

kienet qed tintuza min-neputija ta' dan il-persuna Elsa Mallia. Jien sirt naf ukoll illi din Elsa Mallia, din kellha tarbija mill-imputat. Jiena ukoll kellimt lil pulizija li kien ghassa dakinhar li huwa PC 211 Paul Mazzitelli u kont staqsejtu jekk kienx ra din il-vettura. Fil-fatt huwa ikkonfermali li huwa kien raha dak il-lejl din il-vettura u din kien ra ddur ma Hal Safi u ghal xi s-saghtejn u nofs, t-tlieta ta' filghaxija kien ra persuna ssuq din il-vettura. Peress li din il-vettura kienet diga' maqbuda mill-Pulizija inrelazzjoni ma kaz iehor, nghid illi dan il-pulizija li semmejt Mazzitelli jiena staqsejtu jekk hux f'pozizzjoni li hu jaghraf din il-vettura u fost diversi vetturi li kien hemm huwa gharaf din il-vettura li kienet il-vettura li hu kien ra dak il-lejl. Dan ghamilli referenza partikolari ghaliex fuq it-tapp minn fejn tiehu l-petrol jew id-diesel il-vettura kien hemm sticker imwahhla u l-vettura kien gharafha minn hemmhekk ukoll apparti l-istruttura u l-kulur. Jien ghidtlu li jien kelli lill-imputat arrestat u staqsejtu jekk hu kienx f'posizzjoni li jaghraf lill-imputat jew jikkollegahx mal-persuna li hu kien ra jsuq dik il-karozza. Dan il-pulizija Mazzitelli hu qalli li l-wicc ma tantx rah pero' huwa xorta wahda ghazel li jmur jara lill-imputat u nghid illi pero' dan ma gharfux. Jien imbaghad bghatt ghal Elsa Mallia u staqsejtha kif il-karozza taghha spiccat gewwa Hal Safi u hi qaltli li hi ma kenitx taf. Staqsejtha jekk l-imputat kienx isuqha u hi qaltli li hu jsuqha meta jrid. Jiena staqsejtha jekk hi kenitx involuta fis-serqa rigwardanti s-senters u l-muniti u din innegat u ziedet tghid li lanqas kienet taf illi l-imputat kien hadilha l-karozza". (Sottolinjar tal-Qorti).

L-imputat Steve Vassallo xehed f'din il-kawza fis-Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009. Huwa nnega li kellu x'jaqsam fis-serqa riferita f'din il-kawza.

Issa l-Qorti sejra taghmel riferenza ghar-Relazzjoni (Dok CZA1) ta' Dr Charmaine Zammit mahtura fl-Inkjesta (Proces Verbal esebit bhala Dok RB1). Fost ir-Rizultanzi fl-imsemmija Relazzjoni ta' Dr. Charmaine Zammit il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti paragrafi:
"6. Il-hsara sofferta f'dan l-incident ikkawzata fuq il-bieb principali tal-fond in kwistjoni stmata fis-somma ta' circa ghoxrin lira Maltin (Lm20).

7. Illi dan is-serq u hsarat ma kinux koperti b’polza ta’ assikurazzjoni. Suspett f’min seta’ wettaq dan is-serq ma kien hemm f’hadd.”

Il-Qorti hawn tirrileva li fi stadju ta’ trattazzjoni l-abbli avukat difensur inter alia, issottometta li stante illi l-allegati reati sehhew fis-sena 2003 allura dak li xehed ix-xhud Brian Muscat f’din il-kawza ma jikkostitwix prova ghax tali xhieda trid tkun kollaborata. F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran minn Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali deciza fit-28 ta’ Gunju, 2007(Att ta’ Akkuza Nru. 18/2003) fil-kawza fl-ismijiet: Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mahmud Ali Amber (per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano, Imhallef David Scicluna u Imhallef Joseph R. Micallef):
“M’hemm l-ebda dubju li s-subartikolu (3) ta’ l-artikolu 639 tal-Kodici Kriminali jifforma parti mid-dritt procedurali u ghaldaqstant mhuwiex applikabbli l-principju tar-retroattivita’. Konsegwentement, anke fir-rigward ta’ reati li sehhew qabel it-3 ta’ Ottubru 2006, fejn l-uniku xhud kontra akkuzat huwa komplici, illum l-Imhallef li jippresjedi l-guri ghandu jaghti direttiva lill-gurati biex juzaw x-xhieda tal-komplici <u>b’kawtela qabel ma jserrhu fuqha.</u> Naturalment l-istess jghodd ghall-Qrati tal-Magistrati, fis-sens li l-korroborazzjoni mhix mehtiega aktar izda l-gudikant ghandu jipprocedi b’dik il-kawtela li l-kaz ikun jirrikjedi tenut kont tal-fatt li l-uniku xhud kontra l-akkuzat ikun il-komplici li jista’ jkollu interess aktar minn haddiehor li jfarfar minn fuq spallejh ghal fuq spallejn l-akkuzat.”

Hawn il-Qorti tissottolinja l-fatt li meta ix-xhud Brian Muscat iddepona fil-kawza odierna il-kaz tieghu kien diga’ gie deciz. Dan qed jinghad fid-dawl ta’ dak li qalet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-parti finali tal-bran hawn fuq citat.

Rigward l-ewwel (1) akkuza migjuba konta l-imputat Steve Vassallo li tirrigwarda serq aggravat il-Qorti hi tal-fehma li fid-dawl tas-suespost inkluz senjatament dak sottolinjat min din il-Qorti, il-Qorti hi tal-fehma li tali akkuza giet sufficjentement ippruvata.

Rigward it-tieni (2) akkuza migjuba kontra l-imputat Steve Vassallo li tirrigwarda hsara volontarja il-Qorti hi tal-fehma li din l-akkuza tirrizulta b'dan li l-ammont tal-hsara ma jeccediex il-Lm50.

Rigward it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-istess imputat li tirrigwarda ricettazzjoni il-Qorti hi tal-fehma li tenut kont il-provi processwali prodotti evidentement din il-tielet (3) akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza li tirrigwarda serq aggravat.

Dwar l-addebitu tar-recidiva fil-konfront tal-imputat Steve Vassallo a tenur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tiddikjara li mill-provi prodotti tirrizulta ir-recidiva a tenur tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 pero' ma' tirrizultax ir-recidiva a tenur tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Rigward is-sussistenza tar-recidiva a tenur tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti taghmel referenza ghal vera kopja fotostatika tas-Sentenza esebita bhala Dok WS (Ara fol. 21 sa fol. 27 tal-Process) u ghad deposizzjoni tal-Ispettur Walter Spiteri moghtija fis-Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004.

Dwar il-vera kopja fotostatika tas-Sentenza esebita bhala Dok CM 5 (Ara fol. 14 sa fol. 16 tal-Process) il-Qorti tosserva li ma gie prodott l-ebda xhud ta' identita' rigward tali Sentenza u li f'din is-Sentenza ghajr isem u kunjom l-imputat ma hemm l-ebda konnotati ohra ta' identifikazzjoni. Ghaldaqstant tali Sentenza mhix prova idonea ghal addebitu ta' recidiva.

Minn ezami tal-kontenut tas-Sentenza li kopja taghha giet esebita bhala Dok WS jemergi li tali Sentenza ma' tinkwadrax ruhha fil-parametri rikjesti fl-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan l-istadju il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni tax-xhud Jean Cali li fis-Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009 qalet:

“Jiena rapprezentanta l-Caritas. Nghid illi l-imputat Steve Vassallo jiena ili nosserva fis-sens illi ilu jigi ghandna ghal trattament dwar droga ghal dawn l-ahhar erba’ snin u dana kien jigi b’mod regolari. Nghid illi l-imputat Steve Vassallo ilu San Blas ghal trattament kontra l-abbuz mid-Droga ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Nghid illi in kwantu bhal progress dana tal-imputat, dana l-programm jidher li huwa tajjeb hafna. Fil-fatt jonqsu qisu xi xahar biex ikun jista’ jibda jfittex ix-xoghol. Fil-fatt nghid illi l-imputat prezentement f’San Blas qieghed Head.”

Rat l-artikoli 17, 31, 49, 261(b), (c), (e) u (f), 263, 264, 267, 269(g), 270, 278(3), 280(2), 289 u 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fid-dawl tas-suespost issib lill-imputat Steve Vassallo hati tal-ewwel (1) akkuza li tirrigwarda serq aggravat, tat-tieni (2) akkuza li tirrigwarda hsara volontarja u li tinkwadra ruhha fl-artikolu 325(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva a tenur tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz senjatament dak li xehdet ix-xhud Jean Cali kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputat Steve Vassallo ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghal piena ta’ prigunerija ma’ ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Steve Vassallo jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat Steve Vassallo li tirrigwarda ricettazzjoni, peress illi evidentement din l-akkuza nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza li tirrigwarda serq aggravat, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija tielet (3) akkuza.

Il-Qorti trid taghmilha cara lill-imputat Steve Vassallo li b’din is-Sentenza qieghed jinghata opportunita’ li hajtu jpoggieha fit-triq it-tajba darba ghal dejjem u li jekk jerga’ jaqa’ fit-triq il-hazina m’ghandux jistenna hniena mill-Qrati.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Steve Vassallo l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------